MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1312/2003

A & J Agius (Jewellers) Limited

Vs

Antonia Attard Gialanze

Seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf erba’ mija u sitt liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,406.84) rapprezentanti in parti prodotti tad-deheb tal-valur komplessiv ta’ Lm238.89 u in parti valur ta’ tlett mija u tlieta u tletin punt seba’ grammi (333.7) valur ta’ deheb ta’ tmintax-il karat li nhadem u gie kkonsenjat lis-socjeta attrici.

Ra li l-konvenuta naqset milli tidher ghas-seduti u tikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta attrici.

Ra d-dokumenti.

1. Minn statement li gie pprezentat mir-rapprezentant tas-socjeta attrici jirrizulta li l-bilanc li ghadu dovut mill-konvenuta fuq il-bejgh ta’ deheb huwa ta’ mija u tmienja u tletin lira Maltija u disa’ u tmenin centezmu (Lm138.89) u dan peress li fit-2 ta’ Gunju 2003 sar hlas ta’ mitt lira Maltija (Lm100) [ara Dok. JA1].

2. Ghal dak li jikkoncerna l-bilanc, igifieri elf mija u tmienja u sittin lira Maltija (Lm1,168), skond ma xehed ir-rapprezentant tas-socjeta attrici l-ftehim kien jikkoncerna l-bejgh ta’ oggetti tad-deheb u l-hlas kellu jsir mill-konvenuta billi tikkonsenja deheb b’piz ta’ tlett mija u tlieta u tletin punt sebghin gramma (333.70). Minkejja li ghadda z-zmien il-konvenuta ma onoratx l-obbligu taghha u ghalhekk qieghed jintalab il-hlas tal-valur tad-deheb.

3. Il-konvenuta naqset milli tidher u tressaq provi sabiex b’xi mod tirribatti t-tezi tas-socjeta attrici.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ elf erba’ mija u sitt liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,406.84), bl-imghax kontra taghha.

Spejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------